**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru ħamsa u ħamsin (55) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar l-14 ta' Marzu 2016, fis-6.30pm fil-Bini Muniċipali.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻAT: | Michel Farrugia | Kunsillier |

1. Is-Sindku, ippresediet is-seduta u qalet it-talba.

2. Is-SE qara l-minuti tas-seduta preċedenti u dawn kienu korretti kif xtaqu l-kunsillieri skont kif immarkat bil-linka fuq il-kopja oriġinali u kienu approvati u ffirmati.

3. Paul Spiteri talab li Michel Farrugia jkun skużat filwaqt li Charlene Zammit qalet illi meta kunsillieri jitlob li jkun skużat, irid ikollu raġuna valida.

4. Paul Spiteri għandu jitlob lill-familja Xuereb verbalment sabiex jintlaħaq kompromess billi jitneħħew kemm il-qsari kif ukoll il-*bollards*, dejjem jekk iridu; għax il-KLM hu tal-idea illi jitħallew il-*bollards*, biex ma tkunx ostakolata l-bankina bil-*bumpers* tal-vetturi.

5. Is-SE qal li għad m'għandniex *feedback* dwar l-applikazzjoni li għamel il-KLM biex minn Triq Valletta ma jitħallewx jidħlu vetturi b'wisgħa ta' aktar minn żewġ metri. Il-kunsillieri qalu illi minkejja li għad hemm il-bżonn li joħrog il-ġebel mill-barrieri ta' Triq it-Torri, id-daqs tat-trakkijiet li qed jgħaddu minn hemm kif ukoll il-wisgħa tat-triq m'humiex kompatibbli. Għaldaqstant il-vjaġġi għandhom ikunu iżgħar.

6. Il-ġnien ta' Misraħ il-Missjoni iż-Żgħira issa qed jixhel kif suppost wara li kienet instabet il-ħsara f'*underground cable* taħt il-ħamrija.

7. Is-SE kien mitlub li jikkomunika ma' Ms Nadia Camilleri tal-*Customer Care* tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex tinstab il-ħsara illi meta qed jidħol l-*istreet lighting* qed twaqqa' is-*salva vita* ta' żewġ familji fi Triq ix-Xriek. Is-SE qal illi l-kuntrattur tagħna skonnettja ż-żewġ lampi tat-toroq l-aktar viċin tal-familji Dingli u Zammit waħda waħda u xorta baqgħet taqagħlhom is-*salva vita*. Għaldaqstant is-suspett hu li din il-ħsara hija minn fuq il-linji u mhux mil-lampi infushom.

8. Qed ikun segwit il-każ tar-rotot tat-trasport pubbliku bin-numru 218 u 117, ċioe' jekk hux se jibqgħu jitilqu it-tnejn mill-Imqabba. Dan qed ikun komunikat ma' *Transport Malta* għaliex il-KLM iħoss li m'hemmx għalfejn jitilqu t-tnejn minn hawn biex il-passiġġieri jiggwadanjaw il-ħin.

9. Is-SE deher flimkien mal-Avukat Byron Camilleri fil-Qrati ta' Malta fejn qed jinstema' l-arbitraġġ bejn il-KLM u Schembri Barbros nhar it-3 ta' Marzu. Issa bdiet tinstema x-xhieda u xehed il-kuntrattur fejn qed jgħidu li l-ordni biex isir dan ix-xogħol tal-*Go plc* kien tahielhom il-Perit tal-KLM Toni Bezzina.

10. Dwar il-mistoqsija ta' Grace Marie Mallia, fuq id-*disabled parking bay* li hemm fi Triq Valletta viċin Triq San Bażilju (għax hemm oħrajn qrib l-iskola), is-SE qal li mill-*files* tal-KLM ma jirriżulta li m'hi ta' ħadd u din tista' titħassar. Hawn issemmew oħrajn li għandhom jitħassru fil-futur, dik ta' Triq il-Fjuri u dik ta' Triq il-Barrieri għaliex dawn il-persuni ġew nieqsa. Charlene Zammit qalet illi id-*disabled parking bay* li hemm quddiem il-każin ta' Santa Marija, fuq talba ta' persuna li attendiet il-laqgħa pubblika nistgħu immexxuha faċċata fil-Pjazza tal-Knisja qrib Sqaq il-Knisja.

11. Għas-suġġeriment li l-venditur tal-ħaxix li qed jarma fil-Pjazza tal-Knisja biswit iz-zuntier, għandu jarma aktar 'il bogħod speċjalment meta jkun hemm funeral, intqal illi dan għandha tiġi minnu minħabba ir-rispett, għaliex fuq kollox dan qed iniżżel il-kaxxi mal-art f'post li ma jistax jipparkja minħabba l-*yellow lines*.

12. Dwar il-problema tal-parkeġġ fi Triq Valletta fejn intqal li issa hemm kważi *yellow line* kullimkien, Charlene Zammit qalet illi l-aħjar ħaġa hija li l-KLM jiltaqa' man-nies. Issemma' l-punt li Sqaq Ħal Qormi fil-fatt mhux sqaq u kien stabbilit li m'hemm ħadd li għadu l-karta tal-identita' f'din it-triq. Dan se jkun ikkonfermat mar-reġistru elettorali.

13. Charlene Zammit qalet illi Transport Malta qed jgħidu li qatt ma kellhom talba bil-miktub għal-*traffic lights* fil-*by-pass*, u dan minkejja li dan il-punt kien diskuss f'diversi laqgħat, inkluż f'laqgħa riċenti mal-Ministru nnifsu, filwaqt li Paul Spiteri staqsa f'hiex waslet il-proposta ta' bankina fl-istess triq (arterja; mhix fir-responsabbilita' tal-KLM). Charlene Zammit spjegat li billi din hija triq arterjali, dan il-proġett ambizzjuż irid isir mill-Gvern Ċentrali.

14. Paul Spiteri qal illi sar jaf illi s-Sanita' ħarget *nuisance report* fuq il-ġibjun, minħabba l-ilma qiegħed u l-biża' min-nemusa magħrufa bħala iz-zika. Hu qal illi l-ġibjun irid jitbattal sabiex ma jkunx hemm theddida għas-saħħa tar-residenti li joqgħodu viċin. Is-Sindku spjegat illi l-pjan tal-KLM hu li l-ġibjun jitnaddaf meta jitbattal mill-ilma. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

15. Dwar il-proposta tal-Perit William Lewis sabiex jittaqbu toqob fit-toroq 'il fuq minn Triq San Mikiel ħalli l-ilma tax-xita jinġabar fihom, Paul Spiteri staqsa jekk hemmx min għandu xi *basements* f'dan is-sit u jista' jidħollu l-ilma fiħ. Charlene Zammit qalet li ma jirriżultaliex dan.

16. Mill-kwotazzjonijiet kollha li ġibna biex jinbidel (issa kien deċiż il-*litter bins* kollha tal-Pjazza tal-Knisja għaliex is-Sindku qalet illi bihom inkunu qed ninċentivaw aktar lin-nies biex jużawhom) Charlene Zammit irrakkomandat dak ta' *SR Services Ltd* li għandhom fejn titfi s-sigarett (*ashtray*) u jistgħu ikunu personalizzati. Dawn jiswew €313 kull *litter bin* u se jinxtraw erbgħa.

17. Dwar il-fuljett tal-KLM Charlene Zammit qalet illi sa' nhar l-Erbgħa, 16 ta' Marzu, irridu napprovaw il-materjal kollu u jintbgħat lil Veritas Press. S'issa hemm lest l-artiklu tas-SE filwaqt li Charlene Zammit talbitu jagħmel il-kalendarju tal-KLM u jdaħħal fih il-laqgħa pubblika, l-attivita' *Meet the Locals*, u l-laqgħa tal-Malta Tourism Authority fejn hija kienet parti mill-*panel* tal-kelliema. Hija qalet li jista' jkun illi jiddaħħal reklam tal-*Maypole* mingħajr obbligazzjoni jekk dawn se jagħtuna xi *items* għall-*Afternoon Tea* li qed ikun propost fid-29 ta' Mejju fis-2.30pm fl-Iskola Primarja fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier.

18. Grace Marie Mallia tkellmet fuq il-ħarġiet għal Għawdex fl-20 ta' Mejju u f'Settembru. Charlene Zammit qalet illi tajjeb li nġibu stima sabiex flok immorru fil-ħanut tas-soltu il-parteċipanti jkollhom *Buffet Lunch*. Hawn issemmew il-lukandi *St Patrick's*, il-*Grand Hotel*, *San Andrea*, *Calypso* u l-*Maxtura Restaurant*. Is-Sindku qalet illi b'hekk nistgħu nitilgħu ġurnata waħda u mhux noqgħodu naqsmu l-grupp fi tnejn. Grace Marie Mallia qalet illi s-*seating capacity* tar-

*Restaurant* tas-soltu tista' takkomoda l-grupp tas-soltu.

19. Charlene Zammit tkellmet fuq il-*Festa Ravjul* li issa qed tiġi proposta għal Ottubru u se nippruvaw nagħmlu kuntatt mal-*Comune Casal Fiumanese* minħabba s-*Sagra del Raviolo*. Hija qalet illi x'ħin reġgħet ipproponiet li din tkun organizzata mill-każini tal-banda, u ddiskutiet ma' Teddy Farrugia, Chris Spiteri u Remenda Borg Grech, dawn kienu xettiċi dwar il-vijabilita' ta' din l-attivita. Fosthom jekk hux se jibqagħlhom l-ikel ma' wiċċhom, jekk hux se jkun hemm promozzjoni biżżejjed u humiex se jiġu n-nies. Hija qalet li hi tal-idea li nerġgħu inkellmu lill-organizzatur tad-darba l-oħra biex inżommu din l-attivita' li intlaqgħet tajjeb is-sena li għaddiet. Grace Marie Mallia qalet illi dan ma laħaqx l-aspettattivi tal-KLM fl-aħħar attivita' u għalhekk m'hix tal-idea li jerġa' ikun fdat b'attivitajiet oħra. Hawn intqal illi rridu nsibu organizzatur ieħor. Charlene Zammit qalet illi s-Sur Kevin Fsadni tal-MTA qalilha illi jekk mhux se jkun hemm qliegħ minn dan l-avveniment, huma lesti li jgħinuna ġaladarba ma jridux jieħdu ħsiebha l-għaqdiet.

20. Paul Spiteri qal li inħolqot l-idea mill-Klabb tal-Futbol li jittella' *Euro Village* biex min ikun irid jigi jsegwi dawn il-logħob fl-Imqabba. Hu qal li biex jinkera l-apparat jinħtiegu €900 għal xahar sħiħ. Is-Sindku qalet illi ma taqbilx illi dan jittella' fil-Każin tal-Futbol għaliex hemmhekk hemm min diġa' għandu *bar* u nistgħu nkunu kkiritikati minn sidien ta' *bars* oħra li aġevolajna lil xi ħadd. Madankollu hija ssuġġeriet li dan jittella' fejn il-bandli jew inkella fi Ġnien Tfal ir-Raħal. Paul Spiteri qal li mhux possibli li dan isir fil-Pjazza tal-Knisja għaliex dan il-logħob se jsir fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Intant is-Sindku sejra fil-jiem li ġejjin tara l-post fejn qed ikun suġġerit mill-Każin tal-Futbol.

21. Dwar il-proposta rampa għall-Kappella tad-Duluri, intqal li jrid jiġi jkejjel il-Perit William Lewis li se jagħmel id-diżinn tagħha bi qbil mal-Kappillan (kurja) u imbgħad toħroġ l-offerta pubblika.

22. Il-minuti tal-laqgħa pubblika tas-sena l-oħra kienu mgħoddija lil kunsillieri biex ikun hemm kontinwazzjoni ma' dik li nżammet din is-sena.

23. Għall-*item* fuq l-*agenda* fejn seħħ inċident b'mutur, u sidu qed ifittex il-Kunsill Lokali għall-ispejjeż, intqal illi l-KLM m'għandux tort. Charlene Zammit qalet illi kieku inqala' biċċa mill-pavimentar jew l-inċident seħħ bi traskuraġni minn naħa tal-KLM hija kienet tifhem it-talba għar-refużjoni tal-ispejjeż. Iżda dan mhux il-każ. Is-SE esebixxa il-pjanti tal-MEPA tal-permess tal-

2009 fejn dan il-proġett kien approvat kif inhu mill-awtoritajiet fi triq li hija arterja u li tagħha jibqa' responsabbli l-Gvern Ċentrali. Kien hemm qbil unanimu biex ma' tintlaqax it-talba tal-individwu.

**Punti Oħrajn:**

24. Charlene Zammit esebiet ittra mil-Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja Mqabba fejn din kienet iffirmata mill-membri kollha tal-Kunsill Skolastiku biex l-eks għalliema Ms Baldacchino tinħatar il-President. Il-KLM qabel u Charlene Zammit ffirmat f'isem il-KLM l-istess proposta. Dan se jkun komunikat mal-Kap tal-Iskola.

25. Għall-ilmenti li niżel it-tarmak quddiem, 5, Triq Ħal Kirkop, l-Imqabba, kien deċiż illi jmorru l-ħaddiema tagħna u jagħmlu l-*cold asphalt*.

26. Għal proposta ta' *sleeping policemen* fi Triq Ħal Kirkop, imsemmija fil-laqgħa pubblika kif ukoll fi Triq Ġanni Darmanin u Triq Xandru Farrugia, l-KLM bagħat ittri fid-djar ħalli naraw il-*feedback* tan-nies. Sal-laqgħa li jmiss se nagħmlu skeda fejn naraw min huma dawk favur u min hu kontra.

27. Kien deċiż illi ssir bankina quddiem il-bitħa ta' *Leli Skip Hire* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju biex ikun hemm kontinwazzjoni, peress li hemm parti nieqsa. Is-SE se jitlob stima lill-*Elle's Urban Services*. Madankollu ma kienx hemm qbil għat-talba li jsiru *parking bays* f'din it-triq peress li bihom nafu li fil-verita' jonqos il-parkeġġ.

28. Ġbidna l-attenzjoni tal-kollettur tal-iskart sabiex ma jibqax jakkumula gozz il-boroz tal-iskart quddiem residenta fi Triq il-Pal/Troll. Dan wara li sar ilment formali fl-uffiċċju tagħna.

29. Għat-talba tas-Sur Joe Farrugia biex jiżdied l-*istreet lighting* f'Tax-Xatba l-Ħamra, is-SE qal li kienu approvati żewġ lampi fil-bidu tiegħu, madankollu l-għalqa tas-Sur Farrugia aktarx li tinsab aktar 'il bogħod. Għaldaqstant il-KLM approva erbgħa lanterni oħra fuq *poles* fl-istess inħawi rurali.

30. Is-SE kien infurmat mill-*Foreman* tal-Environmental Landscapes Consortium, is-Sur Charles Attard, li sar il-*heavy pruning* tas-siġar ta' quddiem iċ-ċimiterju fi Triq Ħal Kirkop.

31. Grace Marie Mallia talbet lis-SE sabiex iqabbad lil min jirranġa il-kaptelli mċaqilqin tad-

drenaġġ ta' residenza li hemm fuq bankina fi Triq Valletta kantuniera ma' Sqaq tax-Xantin.

32. Għat-talba ta' Grace Marie Mallia sabiex titwaħħal mera sabiex residenti jkunu jistgħu joħorgu mill-għalqa tagħhom, is-SE ħa nota wara li ingħatat l-approvazzjoni tal-KLM sabiex din tinxtara u titwaħħal fejn kienet.

33. Charlene Zammit talbet li jsir *staff meeting* mal-ħaddiema tal-RSS u tal-CWF nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu fis-7.00am. Hija qalet illi peress li issa għandna erba' ħaddiema *full time* jinħtieġ illi r-raħal jinqasam f'erba' zoni u dawn jieħdu *ownership* tar-raħal billi ntuhom żona kull wieħed x'jieħdu ħsieb. Grace Marie Mallia qalet li dal-għodu kellimha Toni Spiteri u qalilha illi hu mhux se joqgħod jitbaxxa fi Triq tas-Sejba biex jagħmel ir-*road markings*. Hija qaltlu li kull ma talbet biex isiru u mhux li jsiru minn xi individwu partikolari. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur bl-involviment tal-gwardjani lokali. Paul Spiteri talab lis-SE sabiex isir ir-*refreshing* tal-*yellow lines* quddiem il-*garages* fis-*service road* fi Triq Konvoj ta' Sta Marija bejn Triq il-Barrieri u Triq il-Qattara.

34. Charlene Zammit talbet li jinqata' l-ħaxix minn Triq tas-Sejba li hemm mal-ġenb tat-triq viċin il-*garages* industrijali.

35. Charlene Zammit infurmat lill-kunsillieri li kienet magħżula mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex titla’ Strasburgu fil-Parlament Ewropew għall-*Youth Event* bl-isem *Together We Can Make a Change*, bejn il-21 u t-22 ta' Mejju, 2016. Hija qalet illi jidher li t-titjira bl-ajru għoliet u għalhekk l-ammonti li kienu approvati fiċ-ċedola tal-pagamenti numru 512 *item* 12 se jitilgħu fuq it-€300.

36. Il-KLM iddeċieda illi jibni *night shelter*, *day care centre*, *child care centre* u uffiċċju muniċipali fuq il-ġibjun il-miftuħ. Għalhekk bi qbil unanimu se jitlob id-devoluzzjoni tiegħu lill-Gvern Ċentrali u joħroġ *Expression of Interest* fuq il-gazzetta biex il-privat ikun l-imsieħeb ewlieni ta' dan il-proġett. Charlene Zammit qalet illi bħala art tibqa' tagħna iżda irid jidħol biex jiżviluppaha l-privat.

37. Is-Sindku ipproponiet li tkun organizzata attivita’ fejn ikun espost it-talent lokali. Hija qalet illi hawn ħafna talenti fin-nies billi hawn min għandu ħafna passatempi sbieħ. Hija qalet li tajjeb li tkun riżervata ġurnata ta' talent u niġbruhom kollha fil-Pjazza tal-Knisja u l-KLM jagħti *stand* lil

kulħadd. Tajjeb li dawn ikunu qed jaħdmu quddiem in-nies u fl-istess waqt nagħtuhom il-possibilita' li jbiegħu dak kollu li jkunu għadhom kif ikkrejaw. Il-KLM se jinforma lin-nies permezz tal-ħarga tal-fuljett bid-data tal-Ħadd 24 ta' April, 2015 fil-Pjazza tal-Knisja bejn it-8.00am sas-1.00pm. Is-Sindku qalet li din se taħbat ma' *Festa Bebbux* fis-Siġġiewi u se niċċekkjaw jekk hux se taħbat ma' Festa Frawli fl-Imġarr.

38. Dwar id-dramm L-*Imsallab fi Triqatna* issa twaħħlet il-*bill board* u qed nagħmlu kampanja pubbliċitarja fuq *facebook*. Madankollu Charlene Zammit qalet illi rridu nagħmlu reklam fuq it-*television* billi nibdew inxandruh minn nhar l-Erbgħa li ġej sal-Erbgħa tal-ġimgħa ta' wara. Il-kunsillieri kienu tal-idea li jinxtara l-*footage* minn *One Productions* li kienu ġibdu l-avveniment kollu u l-avviż isir fuq l-istazzjon nazzjonali. Is-Sindku spjegat li hemm ċans li tinqabeż is-somma ta' €1,000 għal dan l-avviż u għalhekk kien deċiż li l-avviż ma jsirx u din titgawda minn nies tal-lokal. Waqt il-laqgħa s-Sindku ċemplet lill-organizzatur u dan qalilha li jinħtieġu trasport (€200) li jkun ordnat minn Għawdex u jibqa' ġej Malta. Se jkunu ppreparati gallettini, pastizzi u ftajjar. L-organizzatur qal li għandhom bżonn għoxrin *bricks* tad-dobblu għal fuq iz-zuntier minħabba t-tisliba u talbuna *lodging* għal 6 persuni sabiex jorqdu lejl wieħed biss. Is-Sindku iddelegat lil Paul Spiteri sabiex isib sitt persuni biex joqgħodu mal-gwardjani lokali biex jidderieġu n-nies mis-6.00pm 'l quddiem.

39. Paul Spiteri talab illi jistab sit alternattiv għal dak li jarma bil-qubbajt quddiem il-ħanut tal-*Pineapple* fil-Pjazza fil-festi għax dan qed joħodlu mill-*area* tal-imwejjed u s-siġġijiet.

40. Kienet approvata iċ-ċedola tal-pagamenti numru 511.

41. Il-laqgħa li jmiss Charlene Zammit ipproponieta għal nhar l-Erbgħa, 6 ta' April1 2016 fis-6.00pm u mhux nhar ta' Tnejn, 4 t'April 2016 fis-6.30pm għaliex kienet diga' ftehmet mas-Socjetajiet mużikali li se jiltaqgħu mal-kunsillieri tul din l-laqgħa. Il-laqgħa spiccat fid-21.30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati fis-6.4.2016 minn Dr Charlene Zammit

Segretarju Eżekuttiv Sindku